**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 279/2019**

**Il-Pulizija**

**Spettur (James Grech)**

**Vs**

**Michael Zammit**

Illum is-27 ta' Novembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Zammit detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 64051(G), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud talli:

1. Fil-lejl ta' bejn il-14 u l-15 ta' Diċembru 2008 fil-Port il-Kbir ta' Malta, waqt li kien bid-dgħajsa tiegħu bl-isem ta' Jane S (officia number 8383), xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew dipożitati għandu 50 kartuna b'200 sigarett, kull kartuna, bla dazju tal-marka L&M.

2. Kif ukoll talli fiċ-ċirkostanza fuq imsemmija kellu b'xi mod x'jaqsam fil-ġarr, twarrib jew ħabi ta' sigaretti jew billi b'xi mod ittenta li jiddisponi minn dawn is-sigaretti.

3. U dan bil-ħsieb illi bil-qerq jinħarab milli jitħallsu d-dazji u/jew xi xorta oħra dovuta fuq dawn is-sigaretti, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma pprojibiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totali ta'

€290.00, Dazju tas-Sisa dovut €1095.00 u wkoll Dazju ta' importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (V.A.T. li jammontaw għal $ 167.04 u € 379.37 rispettivament.

Dan bi ksur tal-Artikolu 60(a)(b)(c)(h)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-Provisio tal-Artikolu 62 Artikoli 68 (1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Artikolu 16(1)(j) u 17(a) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap.382 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Ottubru, 2019 li wara li rat l-Artikoli 60(a)(b)(c)(h)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 Artikoli 68(1) (2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Artikolu 16(1)(j) u 17(a) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa Kap.382 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sitt ijiem (6) priġunerija li bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap.9 gew sospiżi għall-perjodu ta' sentejn. Ikkundannatu wkoll għal-multa ta' €3,786 li terz minnha ossia €1,262 huma pagabbli minnufih bħala dejn ċivili lid-Direttur Ġenerali (Dwana); il-bilanċ ossia €2,524 għandu jitħallas skond il-liġi. Ordnat wkoll il-konfiska skond il-liġi tas-sigaretti esebiti u indikati fin-nota ta' Qbid 26/2009. Ordnat wkoll il-konfiska skond il-liġi tas-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Euro (€45,000).

Rat ir-rikors tal-appellant Michael Zammit ppreżentat fis-17 t'Ottubru, 2019, fejn talab lill-Qorti tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u tilliberah mill-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravji minnu ntentat l-appellant jilmenta illi malament gie misjub hati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati u dan ghaliex l-prosekuzzjoni ma resqitx biżżejjed provi sal-grad rikjest fil-ligi sabiex tissussisti r-reita'. Dan ghaliex jishaq illi ħadd mix-xhieda li depponew ma rawh jitfa' l-kaxxa kontenenti l-grossos tas-sigaretti fil-baħar minn fuq id-dgħajsa tiegħu u dak li jemergi minn dawn id-deposizzjonijiet huwa xiehda fuq kliem ħaddieħor li hija prova nammissibbli. Illi mingħajr preġudizzju ghall-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi jishaq illi saru kalkolazzjonijiet erronji tad-dazju dovut u dan ghaliex in-numru ta' grossos li gew elevati skond ir-rapport tal-Armata kien ta' sebgha u erbghin (47), meta huwa gie mixli fuq l-ammont ta' 50 kartuna u gie misjub hati abbazi tal-istess ammont. Finalment jitlob illi minflok il-konfiska tal-ammont ta' €45,000, rapprezentanti il-valur tad-dghajsa li giet rilaxxjata favur tieghu fil-mori tal-kawza, issir il-konfiska tad-dgħajsa *Jane S.* Fil-fatt fil-mori tal-proceduri l-appellant kien iddeppozita garanzija bankarja f'dan l-ammont ta' €45,000, sabiex b'hekk id-dgħajsa *Jane S* setghet tigi rilaxxjata favur tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami mill-gdid tal-atti processwali maghmul mill-Qorti, u dan sabiex jigu minnha ndirizzati l-aggravji tal-appellant, jirrizulta illi fil-lejl ta' bejn l-14 u l-15 ta' Diċembru 2008, kienet twaqqfet *cabin cruiser* bl-isem *Jane S* minn *Patrol Boat P24* tal-Armata meta f'dan il-hin allegatament minn fuq din id-dghajsa giet mormija kaxxa b'xi grosos tas-sigaretti. Skond is-suldati li nterċettaw din il-lanċja, dawn osservawha fuq il-bahar fil-Port il-Kbir mingħajr dwal u ghalhekk iddeċidew isegwuha. Dan iktar u iktar meta ma bdietx twieġeb għas-sejħiet tagħhom sabiex tieqaf. Meta irnexxielhom jilhquha l-appellant deher jarmi xi oggett fil-bahar u fil-fatt vicin il-lancja giet misjuba kaxxa mimlija grosos tas-sigaretti imgeżwrin ġo liżar u meta din giet elevata gie osservat li din ma kinitx imxarrba kollha, liema fatt ghalihom kien indikattiv li din ma kenitx ilha li ntefgħet il-baħar. Dan ghaliex ukoll dak in-nhar il-baħar kien pjuttost imċaqlaq u b'hekk kieku kienet ilha li ntefgħet kienet tkun imxarrba għall-kollox. Din il-kaxxa giet miftuha u go fiha gew

misjuba kaxxi tas-sigaretti tal-marka L&M, fuq liema merkanzija ma kienx thallas ebda dazju.

L-appellant, sid din il-lancja, gie arrestat mill-pulizija u meta gie mitkellem ċaħad l-allegazzjonijiet miġjuba kontra tieghu u dan fiz-zewg stqarrijiet minnu rilaxxjati. Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija rrizulta illi fil-kaxxa mtella' mill-bahar kien hemm 200 sigarett jew 50 grossa tal-marka *L&M cigarettes*.

Ikkunsidrat:

Illi huwa indubitat illi determinanti ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza huma l-provi indizzjarji li hemm fl-atti u dan apparti x-xiehda diretta tas-suldati li ntercettaw id-dghajsa tal-appellanti u waqqfuha. Illi mill-atti jemergu is-segwenti provi indizzjari:

1. Il-lancja *Jane S* hija registrata fuq isem l-appellant u f'dik il-lejla kienet misjuqa minnu.
2. Illi l-appellant gie osservat bil-lancja tieghu tard bil-lejl fil-Port il-Kbir minghajr dwal.
3. Meta imsejjah biex jieqaf huwa baqa' sejjer.
4. Fil-vicinanza immedjata tieghu ma kien hemm ebda opra tal-bahar ohra.
5. Mill-bahar, biswit il-lancja, giet imtella' l-kaxxa tas-sigaretti li kienet imgezwra f'lizar. Dan il-lizar ma kienx ghal kollox imxarrab u l-kaxxa bis-sigaretti lanqas ma kienet imxarrba.
6. Illi jirrizulta ukoll mill-atti, u dan senjatament mis-sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell fl-ismijiet "Michael Zammit vs Kontrollur tad-Dwana" ezebieta a fol.118 tal-atti, illi Warrant Officer Carmel Spiteri fix-xiehda tieghu f'dawk il-proceduri xehed illi ra lill-appellant jarmi din il-kaxxa fil-bahar. Illi W.O. 2 Spiteri lahaq miet u ghalhekk ma iddeponiex f'dawn il-proceduri, madanakollu bl-applikazzjoni tal-artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, applikabbli għall-proċeduri penali[1], l-

[1] Artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali

> Ewwel Qorti setghet tiehu qies ta' dawn l-affermazzjonijiet maghmula bil-gurament quddiem qorti ohra minn persuna defunta. Dan apparti illi din id-dikjarazzjoni hija korroborata minn dak li xehed Emanuel Zammit, li ghalkemm ma rax lill-appellant jitfa il-kaxxa fil-bahar, madanakollu ighid li osservah jitbaxxa u jitfa' xi haga fil-bahar mil-bieba tal-lancja.[2]

Dawn il-fatti probatorji ghalhekk ma jhallu ebda dubbju f'mohh din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, illi il-kaxxi tas-sigaretti misjuba fil-bahar biswit il-lancja tal-appellant kienu jappartjenu lilu u li ma kien hadd hliefu li tefa' dawn il-kaxxi fil-bahar hekk kif lemah lis-suldati qed javvicinaw id-dghajsa tieghu.

Illi l-appellant jikkontendi wkoll illi hemm provi kontradittorji dwar l-ammont ta' kaxxi elevati mis-suldati u dan meta mir-rapport tal-Kaptan Amadeo Busuttil, ezebiet bhala Dokument AB a fol.100 tal-atti processwali, hemm indikat illi l-ammont ta' kaxxi misjuba kienu sebgha u erbghin (47) u mhux hamsin (50), u dan meta l-imsemmi Kaptan jindika illi kien hemm erbghin (40) kartuna go kaxxa u sebgha (7) ohra fuq l-imsemmija kaxxa go borza tal-plastik. Dawn is-sigaretti gew mghoddija lil PS1218 Raymond Vella, PS549 Reuben Pace u lill-Ispettur James Grech. Is-surgent Pace fl-affidavit tieghu fil-fatt jispjega illi kien biss mad-daqqa t'ghajn li deher li kien hemm seba' u erbghin grossa sigaretti u mhux ghax dak il-hin ghaddewhom. Dan magħdud madanakollu meta dawn il-kaxxi tas-sigaretti gew mghoddija mill-pulizija lil ufficjali tad-Dwana dawn infethu u gew maghduda mill-awtorita kompetenti, tant illi anke ittiehdu ritratti taghhom u gie osservat, kif jirrizulta mix-xiehda ta' l-ufficjal tad-Dwana Carmel Attard, li kienu kollha tal-istess *batch number*. Dan jirrizulta *ictu oculi* ukoll mir-ritratti ezebieti a fol. 96 u 97, Dokumenti CA u CA1. Mhux biss, izda lanqas ma irrizulta illi kien hemm xi ksur fic-*chain of custody* minn meta dawn il-kaxxi tas-sigaretti gew elevati mis-suldati,

[2] Ara x-xhieda ta' Emanuel Zammit a folio 105 et seq tal-atti proċesswali. L-ewwel paġna ta' din it-traskrizzjoni tinstab a folio 109 tal-atti.

sakemm imbaghad ghaddew ghand il-pulizija u finalment thallew f'idejn l-ufficjali ta-Dwana. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal finalment biex tigi determinata l-ahhar lanjanza imqanqla mill-appellant fejn huwa jressaq talba ulterjuri li jlibbisha l-libsa ta' aggravju formali u dan meta jitlob illi minflok il-konfiska tal-garanzija bankarja fl-ammont ta' €45000, l-Qorti tghaddi ghal konfiska tal-lancja *Jane S* li ntuzat ghal kommissjoni tar-reat. Illi minn ezami tal-atti jirrizulta illi din il-lancja qatt ma giet ezebieta fl-atti tal-kawza u dan ghaliex qabel ma bdiet tinstema' l-kawza l-appellant ghamel uzu mill-procedura mahsuba fl-artikolu 72(4) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex il-lanċja tiġi rilaxxjata favur tieghu wara li giet maqbuda mill-Kummissarju tad-Dwana. Ghalhekk għamel tajjeb għall-istess permezz ta' garanzija bankarja pagabbli fl-eventwalita' li tinstab ħtija fil-konfront tiegħu. Illi *di piu'* ma hemm ebda disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla l-procedura mitluba mill-appellant u kwindi l-Qorti ghandha idejha marbuta, ukoll ghaliex illum il-gurnata l-valur tad-dghajsa *Jane S* huwa ferm inqas mill-valur taghha fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat sabiex b'hekk l-Kummissarju jigi li jsofri telf sostanzjali minghajr ir-rimedju mahsub fl-artikolu 72(3) tal-Kapitolu 37. Kwindi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur